**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 502/2023/1DC**

***Apap Tobacco Limited (C77039) u***
***Frankie Apap***

***vs***

***L-Avukat ta' l-Istat u***
***Il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana***

Illum, l-1 ta' Awwissu 2024

## Il-Qorti

Rat ir-rikors taż-żewġ atturi[1] preżentat f'l-1 ta' Marzu 2024[2], permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi, talbu lil din il-Qorti tagħti:

> *ordni ad interim fis-sens illi tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri Apap Tobacco vs Direttur Ġenerali et (65/21HM) differita għall-11 ta' Ġunju 2024 u Apap Tobacco vs Direttur Generali Dwana (12/21GV) differita għall-4 ta' Marzu 2024 u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri f'l-ismijiet premessi.*

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma nhar l-4 ta' Marzu 2024[3] meta l-intimati hadu konjizzjoni tar-rikors odjern, ingħatalhom żmien għar-risposta, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni tar-rikors.

[1] Ai fini ta' dan il-provediment imsejħa "ir-rikorrenti".
[2] Ai fini ta' dan il-provediment imsejjaħ "ir-rikors odjern"; ir-rikors qiegħed a fol 80.
[3] Kien biss dakinhar li r-rikors inġieb a konjizzjoni tal-Qorti; refer verbal a fol 85.

Rat ir-risposta tal-intimati[4] preżentata fil-15 ta' Marzu 2024[5], permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talba tar-rikorrenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## PRELIMINARI

Illi fis-16 ta' Lulju 2020 is-soċjeta rikorrenti ngħatat liċenzja biex topera bħala authorised warehouse keeper skond l-artikolu 9(3)(c) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, Fit-2 ta' Diċembru 2020, wara li kien wasal tabakk fil-maħżen tas-soċjeta rikorrenti, saret spezzjoni mill-uffiċjali tad-dwana u jidher li nstabu xi irregolaritajiet tant li fis-7 ta' Jannar 2021 il-liċenzja tar-rikorrenti ġiet sospiża. Is-soċjeta rikorrenti appellat minn din id-deċizjoni tad-Diettur Ġenerali tad-Dwana u permezz ta' proċeduri f'l-ismijiet *Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dwara et* (12/2021GV); dawn il-proċeduri għadhom pendenti quddiem it-Tribunal ta' Rivizjoni Amministrattiva. Jidher li nħareġ ukoll avviz ta' qbid fuq it-tabakk li kien hemm fil-maħżen tar-rikorrenti; is-soċjeta rikorrenti qed tikkontesta dan l-avviż ukoll permezz tal-proċeduri f'l-ismijiet *Apap Tobacco Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dwana et* (65/2021HM) liema proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Aktar minn hekk, u fis-16 ta' April 2021, ittieħdu proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent Frankie Apap. Permezz ta' sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Apap instab ħati ta'l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u ġie ikkundannat xahar priġunerija sospiżi għal sentejn u ġie ikkundannat ukoll multa ta' €1,149,240; il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tat-tabakk. Ir-rikorrent Apap appella minn din is-sentenza u bis-sentenza tagħha mgħotija f'l-20 ta' Settembru 2023 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali varjat l-ewwel sentenza billi illiberat lil Apap minn uħud mill-imputazzjonijiet u rriduċiet il-piena għal xahar prigunerija sospiżi għal sena u multa ta' €4,350; il-konfiska tat-tabakk ġiet konfermata. Mbagħad fil-5 ta' Ottubru 2023 ir-rikorrenti bdew il-proċeduri kostituzjonali.

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri jallegaw:

- li l-piena erogata fil-proċeduri penali mhiex ibbażata fuq il-liġi u dan għaliex il-Qorti Kriminali applikat piena applikabbli għal reati differenti minn dawk li tagħhom instab ħati Apap; u jghidu li l-impożizzjoni ta' din il-piena tilledi d-dritt fundamenti tar-rikorrenti Apap (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni).

[4] Ai fini ta' dan ir-rikors imsejħa "l-intimati".
[5] A fol 119.

- li s-sospensjoni tal-liċenzja tippenalizza lir-rikorrenti daqs li kieku piena kriminali u għalhekk d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana fir-rigward ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel artikolu ta'l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni);
- li anke d-deċizjoni tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana meta ħareġ l-avviz ta' qbid ittieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti (l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel artikolu ta'l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni).

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jerġgħu jitolbu l-ħruġ ta' miżura proviżorja, din id-darba biex jiġu sospiżi l-proċeduri li hemm pendenti quddiem it-Tribunal Amministrattiv u quddiem il-Prim Awla dwar is-sospensjoni tal-liċenzja u l-ħruġ ta'l-avviz ta' qbid rispettivament.

Illi għandu jiġi rilevat li r-rikorrenti għamlu talba quddiem it-Tribunal Amministrattiv u quddiem il-Prim Awla fil-kawżi fuq imsemmija u talbu s-soprasessjoni f'dawk il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-kawża kostituzzjonali; dawn it-talbiet ġew miċħuda.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti jikkontendu li t-Tribunal Amministrattiv u l-Prim Awla m'għandhomx il-poter li jissindikaw kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali u għalhekk huma kostretti li joqgħodu fuq is-sentenza mgħotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, liema fatt ser jirrekalhom preġudizzju irriversibbli. Dan għaliex, dejjem skond ir-rikorrenti, jekk it-talbiet tagħhom fil-proċeduri odjerni jiġi milqugħa u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali titħassar ma jkunux jista' jirriproponu it-talbiet tagħhom quddiem it-Tribunal Amministrattiv u l-Prim'Awal tal-Qorti Civili.

Illi l-intimati jilqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi jgħidu li din hija frivola u vessatorja u ma jeżistux l-elementi meħtieġa biex tingħata miżura proviżorja. Jikkontendu ukoll li r-rikorrenti naqsu li jindikaw liema dritt fundamentali tagħhom qed u ser jiġi miksur jekk ma tingħatax il-miżura mitluba. Jikkontendu li l-għoti ta' miżura proviżorja trid tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-ksur li r-rikorrenti qed jallegaw fil-proċeduri odjerni. Jikkontendu ukoll li la darba ġia saret talba għas-soprassessjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċcivili  u t-Tribual Amministrattiv u din it-talba ġiet miċħuda m'għandhiex tkun din il-Qorti li tagħti deċiżjoni differenti.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit li rimedji proviżorji huma rimedji strordinarji li jingħataw f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Fil-Factsheet dwar *interim measures* maħruga mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) jingħad li:

> *The European Court of Human Rights may, under Rule 39 of its Rules of Court, indicate interim measures to parties to the proceedings before it.* ***Interim measures are urgent measures that apply only where there is an imminent risk of irreparable harm to a Convention right and where such measure is necessary in the interests of the parties or the proper conduct of the proceedings.*** *Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*
>
> *In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition.*
>
> ***The Court grants requests for interim measures only in exceptional circumstances, when applicants would otherwise face an imminent risk of irreparable harm to a Convention right***
>
> *In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and a majority of them concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined.*
>
> *The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 (right to life) of the European Convention on Human Rights) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment) of the Convention. More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair trial (Article 6 of the Convention), the right to respect for private and family life (Article 8 of the Convention) and freedom of expression (Article 10 of the Convention).*[6]

Illi l-istess prinċipji rregolaw lill-Qrati tagħna fil-kunsiderazzjonijiet dwar talbiet għal miżuri proviżorji.

[6] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

Illi fis-sentenza mgħotija fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat***[7] din il-Qorti kif diversament presjeduta, anke bl-applikazzjoni tal-prinċipji emergenti mill-ġurisprudenza tal-QEBD, identifikat ħames (5) elementi li jistgħu iservu bħala linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures:
1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.
2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provżviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali.
3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.
4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti.
5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali.

Illi fil-fatt fis-sentenza mgħotija fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża ***Rosette Thake et vs Prim Ministru et*** intqal li

> *biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima fаċie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja serja ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. "Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ"*

Illi dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom tista tingħata miżura proviżorja esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali:

> ... *jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel.*[8] *Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. [Q. Kost. 7 2 Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Raba` Edizzjoni – 2006) Page 7 of 8 Federation of Estate Agents v. Direttur Generali [Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru, 2014).*[9]

---

[7] Deċiża fis-16 ta' Ġunju 2020
[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[9] ***Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali:*** Qorti Kostituzzjonali 9 ta' Jannar 2017.

Ikkunsidrat

Illi mill-ġurisprudenza hawn miġbura jirriżulta indubbjament li biex tingħata miżura proviżorja irid jintwera li hemm każ prima facie ta' ksur ta' drittijiet fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura proviżorja sejjer iwassal għal riskju imminenti ta' ħsara irreparabbli lir-rikorrenti. Huwa paċifiku li dawn ir-rekwizieti huma kumulattivi u jridu jintwerew it-tnejn biex tkun tista' tingħata miżura proviżorja.

Illi kif intqal fil-kawża prinċipali l-ewwel lanjanza tar-rikorrenti hija dwar l-allegat ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, *nullum poena sine lege*, u dan b'referenza għas-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi f'dan ir-rigward, u mingħajr ma tippronunzja ruħu dwar il-mertu ta' din il-lanjanza, il-Qorti tirrileva li r-rikorrent Apap instab ħati tar-reati kontemplati fl-artikoli 62(a) u 62(c) tal-Kapitolu 37 (l-imputazzjonijiet "ii" u "iii") u ta' reati kontemplati f'l-artikoli 80 tal-Kapaitolu 406 (l-imputazzjonijiet "vi" u "vii"). Il-piena stabbilita għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, skond il-proviso għall-artikolu 62 tal-Kapitolu 37, hija dik ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tlett snin u multa ta; mhux anqas minn erbat elef euro (€4,000). Il-piena stabbilita għaż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra, skond l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406, hija multa ta' tlett mija u ħamsin euro (€350). Il-piena erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet xahar priġunerija sospizi għal sena u multa ta' erbgħat elef tlett mija u ħamsin euro (€4,350). Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermata ukoll il-konfiska tal-materjal / tabakk maqbud; f'dan ir-rigward jingħad li ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-konfiska tal-*corpus delicti* hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi.

Illi huwa minnu li r-rikorrenti jikkontendu li kellha tapplika dispożizzjoni oħra tal-Kap 37 li tagħti lill-Kummisarju tat-Taxxa u Dwana diskrezzjoni li jimponi penali amministrattiva pero mis-suespost, mad-daqqa ta' għajn, jidher li l-piena inflitta hija fil-parametri u dik stabbilita għar-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent Apap. Konsegwentement ma jistax jingħad li ntwera ksur prima facie tad-dritt fundamentali reklamat.

Illi f'dan l-istadju u b'referenza għall-lanjanzi l-oħra tar-rikorrenti jkun opportun li ssir referenza għall-fatt li kontestwalment ma' dan id-degriet il-Qorti qed tagħti sentenza parżjali dwar żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati fil-kawża prinċipali.[10] Permezz ta' dik is-sentenza l-Qorti laqgħat waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet preliminari u għażlet li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha

[10] Ir-rikors odjern ġie preżentat meta il-kawża prinċipali kienet differita għal-provi u sottomissjonijiet ta' dawk l-eċċezzjonijiet preliminari.

Kostituzzjonali u Konvenzjonali biex tqis fil-mertu l-ilmenti tar-rikorrenti lif dedotti fit-tieni talba u fit-tieni parti tat-tielet talba. Dawn it-talbiet huma relatati mad-deċiżjonijiet tal-Kummissarju dwar is-sospensjoni tal-liċenzja u l-ħruġ tan-nota ta' qbid.

Illi la darba dawk il-lanjanzi mhux ser jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kawża prinċipali li ser tkompli biss fir-rigward tal-ewwel lanjanza (dwar is-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali), dawk il-lanjanzi relatati mas-sospensjoni tal-liċenzja u n-nota ta' qbid lanqas ma jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni ai fini tar-rikors odjern.

Illi la darba ma jidhirx li hemm ksur prima facie tad-dritt invokat mir-rikorrenti b'referenza għall-lanjanza li ser tittieħed in konsiderazzjoni fil-mertu, it-talba odjern ghandha tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċhad it-talba tar-rikorrenti dedotta fir-rikors tal-1 ta' Marzu 2024 għall-għoti ta' miżura proviżorja. Spejjeż relatati ma' dan ir-rikors ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**REĠISTRATUR**